MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 1830/2002

**Giovanni Di Bari u martu Enza Di Bari**

**vs**

**Bianca u Brian konjugi Grech u Simon Hannsford f'ismu personali u bhala letting manager ta' Sarah Grech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Lulju 2002 fejn gie mitlub li l-konvenuti, jew min minnhom, jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' mitt lira Maltin(Lm100.00) rapprezentanti somma mhallsa mill-atturi bhala depozitu fuq kuntratt ta' kirja li sussegwentement ma sarx u/jew gie xjolt u qatt ma gie effettivament fis-sehh, in konnessjoni mal-fond bin-numru 7, Stanbridge Court,, fi Triq il-Kbira, Sliema.
Bl-ispejjes u bl-imghax sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti.

Ra r-Risposta tal-konvenut Simon Hansfford fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
1. \Illi in linea preliminari, l-konvenut Simon Hansford personalment ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju u dan stante li ma kellux relazzjoni guridika ma' l-atturi.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub mhux dovut u dan stante li tali ammont thallas lill-konvenut ghal servizzi rezi lill-atturi kif miftiehem.

3. Ra li l-konvenuti Brian u Bianca konjugi Grech nonostante li gew debitament notifikati baqghu ma prezentawx risposta.

Sema' x-xhieda tal-attur, ta' Bianca Grech, ta' Noel Camilleri, tal-konvenut Simon Hansford, Matthew Bonello u Michael Busuttil. Ha konjizzjjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi mill-prrovi rrizulta li f'Marzu 2002 l-atturi kienu talbu lill-konvenut Simon Hansford fil-kwalita' tieghu ta' 'Letting Manager' mad-ditta' Sarah Grech sabiex isibilhom appartament ghal kera. Huwa hadhom jaraw diversi appartamenti u ghogobhom appartament appartenenti lill-konvenuti Grech. Waqt laqgha mal-konvenut Hansford fejn gew diskussi l-kundizzjonijiet tal-kirja, fost affarijiet ohra l-ammont li kellu jithallas bhala kera kull xahar, il-konvenut Hansford talab lill-atturi sabiex ihallsu s-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100.00) sabiex il-fond in kwistjoni jigi prenotat favur taghhom stante li kien hemm xi nies ohra nteressati li jikruh. \Il-konvenut Hansford irrilaxxja ricevuta (a fol.2) in kwantu jirrigwarda dan l-ammont fejn gie specifikat li huwa kien ircieva l-flus ghan-nom tal-propjetarji tal-appartament u cioe' il-konvenuti Grech. Fil-25 ta' Marzu 2002 giet iffirmata skrittura ta' kera bejn l-atturi u l-konvenuti Grech fejn l-atturi accettaw li jhallsu Lm240.00 kera fix-xahar u fejn gie miftiehem li l-Lm100.00 kellhom jitqiesu bhala formanti parti mill-kera tal-ewwel

xahar liema kera kellha tithallas bil-quddiem. Jidher li l-atturi ma kellhomx flus fuqhom dakinhar li giet iffirmata din l-iskrittura. Xi jiem wara l-atturi nfurmaw lill-konvenut Hansford li huma xtaqu jannullaw il-ftehim. Jidher li l-konvenuti Grech accettaw li l-kumtratt ta' kirja jigi annullat anki ghaliex il-kirja kellha tibda topera mix-xahar ta' Mejju 2002. Fil-kawza odjerna l-attur qed jitlob ir-rifuzjoni tal-Lm100.00 li huwa hallas bhala depozitu.

Illi mill-provi rrizulta li dan l-ammont dejjem baqa' ghand il-konvenut Hansford. Il-konvenuta Bianca Grech filwaqt li tikkonferma li Hansford kien ircieva dan l-ammont ghan-nom taghha, tghid ukoll li Hansford qatt ma ghaddielha dan l-ammont. Hija tghid ukoll li kienet tat struzzjonijiet lil Hansford sabiex jirrifondi dan l-ammont lura lill-atturi.

Illi l-konvenut Hansford jammetti li huwa qatt ma ghadda dan l-ammont lill-konvenuti Grech izda jsostni li l-atturi kienu qalulu sabiex izomm dan l-ammont bhala prezz tas-servizzi tieghu.. L-atturi jichdu kategorikament li huma qatt qalu lill-konvenut sabiex izomm dawn il-flus.

Illi jibda biex jjinghad li x-xhieda tal-konvenut Hansford u taz-zewg xhhieda minnu prodotti f'dan ir-rigward hija ghal kollox inverosimili. Il-konvenut Hansford fil-fatt jammetti li huwa qatt ma hareg ricevuta fiiskali in kwantu jirrigwarda dan l-ammont u meta gie mistoqsi specifikatament ir-raguni ghalfejn huwa naqas li johrog l-ircevuta una volta li l-atturi qalulu jzomm il-Lm100.00 bhala kumpens gahs-servizzi rezi minnu, huwa rrisponda li ma kienx jaf fejn kellu jirrintraccja lill-atturi izda aktar tard fix-xhieda tieghu jghid ukoll li madwar xahar u nofs wara li l-atturi annullaw il-kuntratt ta' kirja, huwa sar jaf li huma kienu krew appartament iehor fl-istesss blokk. Inoltre l-konvenut Hansford jghid ukoll li l-prezz tas-servizzi rezi minnu kien jammonta ghal Lm120.00, liema ammont kien dovut in kwantu ghal nofs mill-atturi u nofs mill-konvenuti. Ma jidhirx li huwa qatt hareg fattura ghal dan l-ammont jew li qatt talab lill-konvenuti Grech jihallsu l-bilanc ta' Lm20.00 li allura suppost kienu ghadhom dovuti minnhom.

Fil-fehma tat-Triibunal il-konvenut qabad u approprija ruhu minn flus li ma kienux appartenenti lilu stante li dawn kienu dejjem jinsabu fil-pussess tieghu ghan-nom tal-konvenuti Grech, u kompla jzomm dawn il-flus nonostnate struzzjonijiet minghand min kienu jappartjenu dawn il-flus, u cioe' il-konvenuti Grech, sabiex huwa jirrifondi dan l-ammont lill-atturi.

Illi in kwantu jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut jidher li huwa dejjem agixxa fil-kwalita' tieghu ta' 'letting manager' mad-ditta Sarah Grech u ghalhekk huwa ser jigi kkundannat jirrifondi l-Lm100.00 li gew imhalllsa lilu bhala depozitu f'din il-kwalita.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti Bianca u Brian Grech u billi jilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Simon Hansford fil-kwalita' tieghu ta' 'letting manager' ta' Sarah Grech u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut Simon Hansford.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------